**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Frar, 2022**

**Kumpilazzjoni Numru: 25/2022 MLF**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**(Spettur Wayne Camilleri)**
**(Spettur Shaun Pawney)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Abner George Aquilina**

**DIGRIET**

Il-Qorti

1. Rat il-verbali li saru fis-seduta tal-lum, u semghet ix-xhieda tal-Psikjatra Joseph Roger Saliba.

2. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u rat il-verbali li saru mill-istess partijiet dwar il-mod ta' kif ghandha titkompla din il-kompilazzjoni in vista tal-fatt li l-imputat ma setghax jattendi ghal din is-seduta ghaliex mix-xhieda tal-Psikjatra Joseph Roger

Saliba, il-psikjatra tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, jirrizulta li fil-prezent il-kundizzjoni mentali tieghu ma tippermettilux li jattendi l-Qorti.

3. Fis-seduta tal-lum gie verbalizzat hekk fir-rigward:

   *"Il-partijiet in vista tax-xhieda moghtija llum qed jitolbu il-Qorti tissospendi t-termini ta' dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 402(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

   *Il-parti civile umilment titlob li tirriserva li taghmel talba ghall-hatra ta' psikjatra mill-Qorti fis-seduta li jmiss sabiex jigi determinat jekk l-imputat jistax jattendi ghas-seduti u b'liema modalita u dan sabiex jigi ivverifikat jekk fil-mori tad-differiment l-imputat ikunx fit for trial b'certifikazzjoni tal-psikjatra kuranti tieghu prezenti."*

4. L-Artikolu 402(1)(b) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi li t-termini preskritti sabiex tinghalaq din il-kumpilazzjoni jigu sospizi *"jekk l-imputat minħabba mard jew ħag'oħra, ma jkunx jista' jidher".*

5. Pero mix-xhieda tal-Psikjatra Saliba jirrizulta li l-kundizzjoni prezenti mentali tal-imputat *prima facie* ma taqghax fil-parametri ta' dak li jista' jitqies mard jew kondizzjoni mentali li kwalunkwe persuna tista' tghaddi minnha minhabba ansjeta in vista li tkun trid taffacca proceduri kriminali fejn hi mixlija b'imputazzjonijiet serjissimi. Din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-agir tal-imputat li iddeskriva l-Psikjatra Saliba johloq suspett ragonevoli li fil-prezent l-imputat jinsab fi stat ta' genn, u konsegwentement huwa *unfit to stand trial.*

6. Jidher li l-abbli difensur tal-parte civile ukoll mhux qed jeskludi il-possibilita li l-imputat jista' ma jkunx *fit to stand trial*, u dan fir-riserva li ghamel fil-verbal tieghu sabiex jitlob il-hatra ta' psikjatra minn din il-Qorti fis-seduta li jmiss.

7. L-ipotesi li jkun hemm suspett ragonevoli li l-imputat kien fi stat ta' genn fiz-zmien tar-reati jew li hu fi stat ta' genn waqt il-kumplikazzjoni hija wkoll kontemplata mill-Kodici Kriminali fl-Artikolu 402(1)(a) bhala wahda mir-ragunijiet li tissospendi t-termini tal-kumpilazzjoni. Kien ghal din ir-raguni li fis-seduta tal-lum din il-Qorti

issollevat *ex officio* il-kwistjoni tal-applikabbilita ta' dan l-Artikolu 402(1)(a) ghall-kaz odjern, u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward.

8. Id-difiza issottomettiet li f'dan l-istadju ma tistax tiddikjara l-posizzjoni taghha fir-rigward ta' dan l-artikolu, fil-waqt li l-abbli difensur tal-parte civile issottometta li l-kwistjoni tal-genn tal-imputat ma tistax tigi sollevata mill-Qorti *ex officio.*

9. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-parte civile. L-Artikolu 402(1)(a) jippreskrivi li t-termini tal-kumpilazzjoni jistghu jigu sospizi:

   *"(a) jekk jiġi allegat jew jekk ikun hemm suspett raġonevoli li l-imputat kien miġnun fiż-żmien tar-reat jew li hu miġnun fiż-żmien tal-kompilazzjoni."*

   Minn din id-disposizzjoni huwa car li l-kwistjoni tal-genn tal-imputat mhux biss tista' tigi allegata minn xi wahda mill-partijiet, izda wkoll jekk *"ikun hemm suspett ragonevoli li l-imputat kien mignun."* Ovvjament is-suspett ragonevoli irid jinholoq f'mohh il-Qorti – altrimenti ma hemmx raguni logika ghalfejn il-ligi tikkontempla zewg ipotesijiet. Ghalhekk jekk din il-Qorti ikollha suspett ragonevoli li l-imputat kien mignun fiz-zmien tar-reat jew li hu mignun fiz-zmien tal-kumpilazzjoni, hija legalment kompetenti li tissoleva din il-kwistjoni *ex officio.*

10. Din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 402(1)(a) issib ukoll il-konfort taghha fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Hekk fis-sentenza **Sua Maesta il Re vs Alfonso Azzopardi** deciza fil-5 ta' Dicembru 1910 – fejn l-akkuzat ittenta jattakka l-validita ta' digriet tal-Qorti li ssollevat ex officio il-kwistjoni tal-genn tieghu - il-Qorti Kriminali irriteniet hekk:[1]

    *"Che dall'indole di tali disposizioni, dall'essere cioe la pazzia dell'imputato o dell'accusato una circostanza scriminante e dall'essera di ostacolo a qualunque procedimento, sorge non solo legittimo il diritto, ma anche imprescendibbile il dovere della autorita giudiziaria di accertare lo stato mentale del giudicabile, quando dalle prove emerge un serio dubbio se egli sia stato insano di mente al tempo del reato, e se tale stato perdure al tempo del giudizio. Negare all'autorita giudiziaria tale diritto,*

[1] Vol. XXI-I-5.

*sarebbe disconoscere uno dei principi fondaentali della giustizia penale ed esporre l'autorita stessa a concorrere scientemente e con cognizione di causa alla convinzione ed alla punizione di un individuo irresponsabile ed alla nullita del procedimento."* (ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Sua Maesta il Re vs Francesco Farrugia** deciza mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Jannar 2011).[2]

Ghalkemm dawn is-sentenzi setghu inghataw f'kuntest ta' procedura kriminali differenti minn dik tal-proceduri odjerni, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan ir-ragunament tal-Qorti Kriminali huwa validu anke ghal dawn il-proceduri.

11. Ai termini tal-Artikolu 402(1)(a) tal-Kodici Kriminali din il-Qorti jista' jkollha suspett ragonevoli li l-imputat kien fi stat ta' genn kemm fiz-zmien li gew kommessi ir-reati kif ukoll waqt il-kumpilazzjoni. Din il-Qorti diga qalet illi mix-xhieda tal-Psikjatra Saliba fis-seduta tal-lum ghandha suspett ragonevoli li l-imputat fil-prezent jinsab fi stat ta' genn.

12. Pero, il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tal-fatt li mill-atti, mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Ransley fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2022 u mit-trattazzjoni tal-partijiet tal-lum, jirrizulta li dak-in-nhar stess li gie arrestat mill-Pulizija ftit sieghat wara l-omicidju u cioe fit-2 ta' Jannar 2022, l-imputat gie rikoverat gewwa l-Isptar Monte Carmeli.[3] Fit-12 ta' Jannar 2022, il-Psikjatra Dr Joseph Cassar – l-espert psikjatra mahtur mill-Magistrat Inkwerenti – irrilaxxa certifikat li l-imputat kien *"fit for interrogation"*[4]. L-imputat gie ri-arrestat u interrogat mill-Pulizija, u sussegwentement tressaq il-Qorti taht arrest fit-13 ta' Jannar 2022. F'dik is-seduta d-difiza talbet lil din il-Qorti, diversament preseduta, tirrikomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex *"mill-aktar fis possibli l-imputat jinghata l-assessments mehtiega u a bazi ta' dawn l-assessments id-direttur jiddeciedi, ghax wara kollox din tibqa' prerogattiva tieghu, f'liema istituzzjoni ghandu jinzamm l-imputat sabiex b'hekk ikunu protetti l-interessi kemm ta' l-imputat kif ukoll tas-socjeta Maltija."* Din il-Qorti laqghet it-talba.[5] Mix-xhieda tal-Psikjatra Saliba jirrizulta li l-imputat fil-fatt inzamm il-Forensic Unit tal-Isptar Monte Carmeli, u fl-24 ta' Jannar 2022 gie rilaxxat biex

[2] Vol. XXI-IV-7.
[33] Ara fol. 46 tal-process.
[4] Ara Dok AV 2 a fol. 12 tal-process.
[5] Ara fol. 5 tal-process.

jinzamm fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, pero kellu jibqa' jiehu l-medicini preskritti lilu. L-istat mentali tal-imputat jidher li rega' iddegenera bejn l-1 u t-2 ta' Frar 2022, meta l-Psikjatra Saliba ordna li jerga' jigi rikoverat fil-Forensic Unit.

13. Huwa rilevanti wkoll li fis-seduta tal-lum, id-difiza talbet li l-Psikjatra Dr Joseph Cassar jikkonferma bil-gurament ic-certifikat minnu rilaxxat fit-12 ta' Jannar 2022 li l-imputat *"is fit for interrogation."*

14. Dan kollu jindika li kwistjonijiet dwar is-sahha mentali tal-imputat kienu hemm minn dak in-nhar stess tal-ewwel arrest tieghu in konnessjoni mal-imputazzjonijiet odjerni – li hu ukoll l-istess jum li fih l-omicidju mertu ta' dawn il-proceduri gie kommess. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ghandha suspetti ragonevoli li l-imputat kien ukoll fi stat ta' genn fiz-zmien tar-reati. Ghalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti huwa idoneu u fl-interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja li din il-Qorti ma tillimitax l-indagni taghha dwar jekk l-imputat hux fi stat ta' genn illum, imma l-indagni tigi estiza anke dwar jekk l-imputat kienx fi stat ta' genn fiz-zmien tar-reati.

15. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda:

    1. Tichad it-talba tal-partijiet fis-seduta tal-lum sabiex tissospendi t-termini ta' dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 402(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

    2. Tiddikjara *ex officio* li hemm suspett raġonevoli li l-imputat kien miġnun fiż-żmien tar-reat u li hu miġnun illum fiż-żmien tal-kumpilazzjoni, u dan ai termini tal-Artikolu 402(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

    3. Konsegwentement tiddikjara li t-terminu ghall-eghluq ta' din il-kumpilazzjoni previst fl-Artikolu 401 huwa mil-lum sospiz ai termini tal-Artikolu 402(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

    4. Ai termini tal-Artikolu 402(3) tal-Kodici Kriminali, u ai termini tal-Artikolu 36(1) tal-Kapitolu 525 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tahtar lill-psikjatri Dr George Debono, Dr Jean Pierre Giorgio u Dr Anthony Dimech bhala esperti sabiex jezamaw lill-imputat u l-fatti sabiex jirrelataw dwar jekk l-imputat huwiex fi stat ta'

genn illum u jekk huwiex *fit to stand trial*, kif ukoll jirrelataw jekk kienx fi stat ta' genn fiz-zmien li gew kommessi ir-reati.

5. L-esperti ghandhom il-fakolta li jitolbu lill-awtoritajiet tal-Isptar Monte Carmeli, u okkorendo tal-Isptar Mater Dei, sabiex ituhom access ghal file mediku tal-imputat.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**